MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 190/2014

**Eco Group Limited**

**vs**

**Geomike Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Eco Group Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-kumpanija attrici giet inkarigata mill-kumpanija konvenuta sabiex tesegwixxi xoghol ta' inginerija u dawl fil-fond 'Cote d'Azur Restaurant', fi Triq Sant'Antnin, Marsascala, liema xoghol gie debitament esegwit mill-kumpanija attrici.

B'konsegwenza tal-ezekuzzjoni ta' dawn ix-xogholijiet, il-kumpanija konvenuta hija debitrici versu l-kumpanija attrici fl-ammont ta' dsatax-il elf hames mija sitta u tletin Ewro u sittin centezmu (€19,536.60), liema ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar dovuta bhala l-prezz tal-ezekuzzjoni tal-imsemmija xogholijiet ta' inginerija u dawl, u kif ukoll ta' materjal konness mal-ezekuzzjoni tal-istess xogholijiet.

Minkejja li giet interpellata biex thallas dan il-bilanc, il-kumpanija konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Louis Borg, debitament awtorizzat sabiex jirraprezenta lill-kumpanija attrici fi proceduri gudizzjarji, jikkonferma li jaf bil-fatti suesposti personalment.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-kumpanija konvenuta hija debitrici versu l-kumpanija attrici fl-ammont ta' dsatax-il elf hames mija sitta u tletin Ewro u sittin centezmu (€19,536.60);

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici dan l-ammont ta' dsatax-il elf hames mija sitta u tletin Ewro u sittin centezmu (€19,536.60),

U dan previa kull provvediment li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali mressqa ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bin-numru 101/2012 u tal-mandat ta' sekwestru imressaq kontestwalment mal-prezenti, u bl-imghax kummercjali dekoribbli mit-tnejn (2) ta' Novembru 2009 sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti taghha fi proceduri gudizzjarji.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, is-socjetà intimata baqghet ma wiegibtx ghall-kawza u lanqas ma deher hadd ghaliha fl-udjenza.

Semghet lil Louis Borg jixhed.

Rat l-atti kollha.

Rat li, ghalkemm moghtija l-fakoltà li tressaq sottomissjonijiet bil-miktub, din ma ressqet ebda sottomisssjoni.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi s-socjetà rikorrenti irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi t-talbiet taghha u ghalhekk dawn ghandhom jigu milqugha.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjetà Eco Group Limited kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Geomike Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------